**330. Il-Prim Ministru, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Public Transport Association strutturi f'Bieb il-Belt, Valletta deskritti aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinstabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-sub-artiklu (1) tal-artiklu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-istrutturi f'Bieb il-Belt, Valletta deskritta aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'kera lill-Public Transport Association għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess Abbozz.

31.10.1986